2024/1277

3.5.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1277**

**tad-29 ta’ April 2024**

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati, f’isem l-Unjoni Ewropea, fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali għal strument legali internazzjonali relatat mal-proprjetà intellettwali, ir-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħhom tal-2002 lill-Kunsill dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (il-Kunsill TRIPS), l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qablu li jiddiskutu l-introduzzjoni ta’ rekwiżit ta’ divulgazzjoni awtonomu li jippermetti lill-Istati Membri jżommu rekord tal-applikazzjonijiet għall-privattivi fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi.

(2) Fl-2004, l-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) qablet, fuq suġġeriment tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li tikkunsidra r-relazzjoni bejn l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u r-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni fl-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

(3) Mill-2004 ’l hawn, il-WIPO kellha diskussjonijiet dwar id-divulgazzjoni tal-oriġini jew tas-sors tar-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat fl-applikazzjonijiet għall-privattivi.

(4) L-assemblea ġenerali tal-WIPO qablet li torganizza konferenza diplomatika mhux aktar tard mill-2024 biex tikkonkludi strument legali internazzjonali relatat mal-proprjetà intellettwali, ir-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi.

(5) L-Unjoni jenħtieġ li tipparteċipa fin-negozjati dwar tali strument legali internazzjonali, għal kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni adottat regoli komuni li jistgħu jiġu affettwati jew li l-kamp ta’ applikazzjoni tagħhom jista’ jinbidel minn dak l-istrument internazzjonali. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sa fejn l-istrument legali internazzjonali ma jaffettwax regoli komuni jew ma jbiddilx il-kamp ta’ applikazzjoni tagħhom, inkluż l-iżvilupp tagħhom fil-futur prevedibbli.

(6) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kif definita mit-Trattati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b’dan awtorizzata tiftaħ negozjati, f’isem l-Unjoni, fir-rigward ta’ materji li jaqgħu fil-kompetenza tagħha u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni adottat regoli komuni li jistgħu jiġu affettwati jew li l-kamp ta’ applikazzjoni tagħhom jista’ jinbidel mill-istrument internazzjonali, għal strument legali internazzjonali relatat mal-proprjetà intellettwali, ir-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali.

2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta’ negozjati tal-Kunsill li jinsabu fl-addendum, li jistgħu jiġu riveduti u żviluppati aktar kif xieraq skont l-evoluzzjoni tan-negozjati.

3. Sa fejn is-suġġett tan-negozjati jkun jaqa’ fil-kompetenzi kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib matul il-proċess tan-negozjati, bil-għan li tkun żgurata unità fir-rappreżentanza internazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

*Artikolu 2*

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Proprjetà Intellettwali, li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lura regolarment lill-kumitat speċjali msemmi fl-ewwel paragrafu dwar il-passi meħuda skont din id-Deċiżjoni u tikkonsultah fuq bażi regolari.

Kull meta tkun mitluba mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar it-twettiq u l-eżitu tan-negozjati, inkluż bil-miktub.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' April 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. CLARINVAL